**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tlieta, 19 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Nru: 913/2021**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1221/2021 fl-ismijiet:**

***HSBC MALTA PLC***

***VS.***

***JOSEPH DIMECH U MARIS DIMECH***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba ta' Joseph u Maris Dimech biex flejjes tagħhom ġejjin minn pensjoni, li suppost jinsabu miżmuma, jiġu meħlusa mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1221/2021;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>13 ta' Settembru, 2021</u>**, Joseph u Maris Dimech fissru li l-HSBC Bank Malta plc kiseb kontra tagħhom mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ammont ta' €22,791.03. Huma jgħidu li dan il-mandat żammilhom flejjes li huma kellhom ġewwa kont mal-Bank of Valletta plc. Dejjem skont Joseph u Maris Dimech, dan il-kont kien jintuża biss biex jiġi inkassat iċ-ċekk tal-pensjoni li huma jirċievu kull l-aħħar tax-xahar mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

3. Billi fil-fehma ta' Joseph u Maris Dimech, il-flejjes li huma jirċievu bħala pensjoni ma jistgħux jiġu milquta b'mandat ta' sekwestru skont l-**artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u billi huma jgħidu li dawn il-flejjes huwa l-uniku għajn finanzjarju li bih huma jistgħu jixtru l-affarijiet tagħhom għall-bżonnijiet ta' kuljum, huma talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«Tordna li l-ammont ta' flus li huwa maqbud u li jirrappreżenta l-pensjoni mensili tal-esponenti pagabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jiġix kolpit bl-effett ta' dan il-mandat ta' sekwestru;*
>
> *Dan taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi.»*

4. HSBC Bank Malta plc wieġeb fit-**<u>13 ta' Ottubru, 2021</u>** u tenna hekk:

> *«1. Illi ġaladarba s-sekwestratarju in eżami m'huwiex id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jew dik l-entità oħra governattiva responsabbli għal pensjonijiet, dan ir-rikors, kif intavolat, m'għandux jintlaqa';*
>
> *2. Illi dan jingħad fuq skorta ta' deċiżjonijiet li l-Qrati tagħna taw fejn intqal li flejjes rappreżentanti pensjonijiet versati f'kont bankarju, milqut minn sekwestru, ma jikkwalifikawx bħala flejjes eżentati mill-effetti ta' mandat ta' sekwestru skont l-artiklu 381 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant tali flejjes huma sekwestrabbli skont il-Liġi»*

5. Inżammet seduta fit-**<u>18 ta' Ottubru, 2021</u>** fejn l-avukati tal-partijiet ivverbalizzaw li ma sar l-ebda depożitu ta' flus fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1221/2021;

6. Wara li l-qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, hija ħalliet ir-rikors sabiex dan jiġi deċiż kameralment;

***Fatti***

7. Fit-12 ta' Awwissu, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' HSBC Bank Malta plc biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1221/2021 kontra Joseph u Maris Dimech, fl-ammont ta' €22,791.03. Ir-raġuni għala ntalab

dan il-mandat kienet minħabba pretensjoni tal-bank li Joseph u Maris Dimech ma żammewx mal-kundizzjonijiet tal-faċilità bankarja mogħtija lilhom;

8. B'kollox ġew notifikati għaxar sekwestratarji imma kif verbalizzat mill-avukati tal-partijiet waqt is-seduta tal-bieraħ, ħadd minnhom ma ddepożita mar-reġistratur tal-qorti, xi flejjes li huma ta' Joseph u Maris Dimech;

***Konsiderazzjonijiet***

9. L-għan ta' mandat ta' sekwestru, kemm jekk wieħed esekuttiv u kif ukoll jekk wieħed kawtelatorju, huwa dak fejn kreditur ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħwejjeġ mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor, imsejjaħ bil-liġi bħala s-sekwestratarju (ara ***Jimcam Enterprises Ltd v. Charles Zammit et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' April, 2009);

10. Ma jidhirx minn qari tal-**artikoli 375** u **849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-mandat ta' sekwestru jista' jintuża mill-kreditur biex jikseb ordni minn qorti fuqu nnifsu, biex b'hekk ikun jista' jżomm f'idejh ġid jew assi tad-debitur tiegħu stess (ara ***Hsbc Bank Malta plc v. Alexander Boiciuc sive Mboichiuck et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Awwissu, 2013);

11. Tali mandat jgħodd kemm għal dak il-ġid li jkun f'idejn is-sekwestratarju fil-waqt li jinħareġ il-mandat u kif ukoll dak il-ġid li jaqa' f'idejn is-sekwestratarju wara l-ħruġ tal-mandat, sakemm dak l-istess mandat ikun għadu fis-seħħ (ara ***Lino Micallef pro et noe v. Bank of Valletta p.l.c.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 2004);

12. Malli jirċievi l-mandat, is-sekwestratarju għandu żmien dsatax-il jum biex jiddepożita mar-reġistratur tal-qorti, il-flus u l-ħwejjeġ kollha tad-debitur li jkunu f'idejh (ara **artikoli 376(2)(e)** u **849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Jekk is-sekwestratarju li jkollu f'idejh xi ġid tad-debitur jonqos milli jwettaq dak id-depożitu huwa jkun jista' jitqies skont l-**artikolu 378** u **849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet**

**ta' Malta** bħala responsabbli għad-danni u l-imgħax (ara ***Francis Fenech v. Thomas Montaldo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu, 2010);

13. Biss però mhux kull ħaġa mobbli jew kull somma ta' flus tad-debitur tista' tiġi sekwestrata. Il-liġi ssemmi fl-**artikolu 381 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** lista mdaqqsa ta' ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu sekwestrati;

14. Din il-lista ta' ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu sekwestrati hija meqjusa bħala waħda eċċezzjonali għaliex tnaqqar mill-jeddijiet tal-kreditur li jiġbor il-flejjes mitluba minnu bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru (ara ***Tabib Prinċipali tal-Gvern v. Hazel Pannel*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2009 u ***Antonio Pulé v. Negte. Giuseppe Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 1927);

15. Appuntu għalhekk din il-lista għandha tiġi interpretata b'mod dejjaq ħafna u ma tistax tiġi mġebbda biex tinkludi wkoll oġġetti jew ħwejjeġ li mhumiex imniżżla f'din il-lista (ara ***Bonnici v. Starkey*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 1900, ***Francesca Florez Cruz Soler v. Giuseppe Formosa*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1939 u ***Veronica Conti v. Victor Conti*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu, 1957);

16. Għalkemm dan l-**artikolu 381** jinsab fid-dispożizzjonijiet legali li jolqtu l-mandat ta' sekwestru esekuttiv, madankollu dan l-artikolu jgħodd ukoll bl-istess mod għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u dan b'riħet l-**artikolu 849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

17. Issa fost il-ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu sekwestrati nsibu kull benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-**Att dwar is-Sigurtà Soċjali** jew pensjoni jew *allowance* oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern (ara **artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

18. Din ir-regola li benefiċċji soċjali u pensjonijiet mhumiex sekwestrabbli mhijiex waħda assoluta għaliex skont l-**artikolu 382(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa biss taħt is-somma ta' €698.81 fix-xahar li ma jistax jiġi sekwestrat. Ifisser dan, li kull somma ta' pensjoni jew benefiċċju li taqbeż is-€698.81 tista' tiġi

sekwestrata, sakemm id-debitur ma jagħmilx rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu bżonn ukoll dak l-ammont li jaqbeż dik iċ-ċifra għall-manteniment tiegħu jew ta' familtu (ara ***GSD Marketing Limited v. Jade Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru, 2020);

19. F'dan ix-xenarju, tajjeb li jingħad ukoll biex tiġi indirizzata ċertu osservazzjoni żbaljata magħmula minn Joseph u Maris Dimech fir-rikors tagħhom, li l-fatt li bil-liġi xi ħwejjeġ ma jistgħux jiġu sekwestrati ma jfissirx b'daqshekk li jekk il-mandat ta' sekwestru jinzerta jolqot ħwejjeġ bħal dawn, allura l-mandat ta' sekwestru għandu jitħassar. Il-fatt li jiġu depożitati flejjes li bil-liġi ma setgħux jiġu sekwestrati, ma jġibx b'daqshekk in-nullità tal-mandat ta' sekwestru jew it-tħassir tiegħu, imma jekk xejn, iġib biss il-ħelsien ta' dawk il-flejjes mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru (ara ***Carmel Grima et v.Carmelo Gauci et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2016 u ***Joseph Scicluna et v. Gianfranco Ronsisvalle et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar, 2010);

20. Regola oħra importanti li wieħed irid iżomm f'moħħu hija li jekk il-flejjes li jkunu ġejjin mill-pensjoni jew mill-benefiċċju soċjali jispiċċaw jitħalltu ma' flejjes oħra f'kont bankarju li jkollu d-debitur, allura hemm il-possibilità li dawn jitilfu l-karattru oriġinali tagħhom ta' pensjoni jew benefiċċju għaliex dawn jidħlu jagħmlu parti mill-assi li jkun hemm f'dak il-kont u b'hekk wieħed ma jkunx jista' jagħraf aktar liema huma dawk il-flejjes li ġejjin mill-pensjoni u liema huma dawk il-flejjes li jkunu ġew imfaddla mill-esekutat (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Emanuel Żammit et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' April, 2017 u ***Bank of Valletta plc v. Edward Pace Balzan et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2017). Darba li jsir id-depożitu tal-pensjoni fil-kont bankarju, dak id-depożitu li jkun ġej minn pensjoni jew benefiċċju soċjali jista' jitlef in-natura tieghu ta' pensjoni jew benefiċċju soċjali ghal dak li jirrigwarda provenjenza, u jsir depożitu bankarju;

21. Dan kollu jinsab imfisser b'mod tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Tabib Prinċipali tal-Gvern v Hazel Pannel*** mogħtija fis-27 ta' Marzu 2009,

> *«L-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru kkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-*

*fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura, strettament l-artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilità. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom.»*

22. Minn dan l-aspett għalhekk iż-żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-HSBC Bank Malta plc fit-tweġiba tiegħu huma sa ċertu punt tajbin għaliex id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mhuwiex imniżżel bħala wieħed mis-sekwestratarji fil-mandat ta' sekwestru inkwistjoni u kif ukoll għaliex kontijiet bankarji ma jissemmewx fil-lista ta' oġġetti li ma jistgħux jiġu sekwestrati skont l-**artikolu 381(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u għalhekk jistgħu jiġu sekwestrati;

23. Din il-pożizzjoni fil-liġi taf tinbidel għaliex fil-Parlament Malti qiegħed bħalissa jiġi diskuss l-**abbozz ta' liġi numru 239 tal-2021,** li permezz tiegħu qiegħed jiġi propost li jkun hemm emenda fl-**artikolu 381(1)(b)**[1] **tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, biex il-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali jiġu mħarsa mill-mandat ta' sekwestru anke meta dawn ikunu depożitati fil-kont bankarju tal-benefiċjarju, basta li dak il-kont bankarju jkun użat biss biex jirċievi l-pensjoni jew il-benefiċċju soċjali. Madankollu billi din il-proposta għadha ma daħlitx fil-liġi, il-qorti ħa timxi fuq il-liġi kif inhi llum u kif din il-liġi ġiet interpretata fil-ġurisprudenza tagħna;

24. Illi dan kollu meqjus għall-każ li għandna quddiemna, il-qorti tosserva li għalkemm Joseph u Maris Dimech qegħdin fir-rikors tagħhom jitolbu biex il-flejjes li oriġinaw mill-pensjoni li jirċievu mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jiġi meħlusa mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru katwelatorju, huma fil-verità ma seħħilhomx juru li bħala stat ta' fatt ġew sekwestrati lilhom xi flejjes li tabilħaqq huma mnissla mill-pensjoni;

25. Tassew ma jirriżultax li xi ħadd mill-għaxar sekwestratarji msemmija fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1221/2021, magħdud magħhom il-Bank of Valletta plc,

[1] Fl-abbozz dan l-artikolu qiegħed jiġi indikat b'mod ħażin bħala **artikolu 381(b)** imma dan l-artikolu ma jeżistix. Li jeżisti huwa l-**artikolu 381(1)(b)**.

iddepożita xi flejjes li jappartjenu lil Joseph u Maris Dimech. La m'hemmx flus li ġew sekwestrati, din il-qorti qajla tista' tifhem kif hija qatt tista' tilqa' dan ir-rikors tagħhom;

26. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, biex qorti tista' teħles pensjoni mill-effetti mill-mandat, irid ikun hemm qabel xejn flejjes li jkunu ġew sekwestrati. Darba li f'dan il-każ ma jirriżultax li ġew sekwestrati xi flejjes ta' Joseph u Maris Dimech, it-talba tar-rikorrenti biex jinħelsu xi flejjes mill-morsa tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju taqa' waħidha;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda taqbel mal-eċċezzjonijiet ta' HSBC Bank Malta plc, safejn dawn jaqblu mal-konsiderazzjonijiet mogħtija f'din id-deċiżjoni, u fl-istess ħin qiegħda **tiċħad** it-talba ta' Joseph u Maris Dimech imressqa fir-rikors tagħhom tat-13 ta' Settembru, 2021 għaliex huma ma seħħilhomx juru li ġew sekwestrati lilhom xi flejjes li jirrappreżentaw il-pensjoni li ta' kull xahar jirċievu mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

Fl-aħħar nett, **tordna** li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha kemm huma minn Joseph u Maris Dimech;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**